**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**MAĠISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 29 ta' Awwissu, 2022**

**Kumpilazzjoni numru 483/22 CG**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Ryan M. Vella)**

**vs**

**John Mallia**
**(K.I. 80957M)**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba kontra **John Mallia** li ġie akkużat talli nhar it-28 ta' Awwissu, 2022, għall-ħabta tas-07:15hrs ta' filgħodu, ġewwa l-fond 13, Flat 36, Triq Ananija, San Pawl il-Baħar:

1) Ikkommetta att ta' natura sesswali mingħajr kunsens fuq il-persuna ta' **Alvaro Sanchez Lumbreras** u dan bi ksur ***tal-Artikolu 207 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.***

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti proċesswali kollha;

Semgħet, fis-seduta tal-lum, lill-imputat jammetti li huwa ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u semgħatu jikkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li l-Qorti tagħtu żmien jikkunsidra l-pożizzjoni tiegħu u spjegatlu l-piena relattivi għall-imputazzjoni;

Semgħet it-trattazzjoni dwar il-piena idonea li għandha tiġi nflitta fil-konfront tal-imputat.

**Ikkunsidrat:**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni ta' ħtija reġistrata mill-imputat fis-seduta tal-lum fir-rigward tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu, il-Qorti se ssib lill-imputat ħati tal-istess imputazzjoni.

Illi fir-rigward tal-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-imputat il-Qorti tosserva illi l-imputat ammetta mal-ewwel okkażjoni li kellu, li l-inċident kien wieħed sporadiku u li iddispjaċih tal-akkadut.

Il-Qorti ħadet in konsiderazzjoni wkoll illi l-imputat, li għandu ħamsa u sittin (65) sena, għandu fedina penali kważi netta, għajr għal xi reati minuri li seħħew ħafna snin ilu.

Illi filwaqt li l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura serja tar-reat imwettaq mill-imputat u l-piena abbinata miegħu li tlaħħaq sa massimu ta' seba' (7) snin priġunerija, hija tal-fehma illi tenut kont iċ-ċirkostanzi kollha tal-każ ikun opportun li l-imputat jitpoġġa taħt Ordni ta' Probation biex jindirizza problemi li jista' jkun wassluh biex jikkommetti r-reat odjern. Madanakollu, din il-Qorti se toħroġ ukoll Ordni ta' Trattament li permezz tagħha ħa tikkawtela l-interessi kemm tal-vittma u kif ukoll tal-pubbliku in ġenerali.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 207 tal-Kodiċi Kriminali, fuq ammissjoni, ssib lill-imputat **John Mallia** ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u tpoġġih taħt **Ordni ta' Probation għal żmien tliet (3) snin mil-lum** bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet anness ma' din is-sentenza u li jifforma parti integrali minnha. Il-Qorti spjegat fi kliem ċar lill-ħati il-konsegwenzi jekk huwa ma josservax il-kundizzjonijiet kollha tal-Ordni ta' Probation u/jew f'każ li huwa jikser xi kundizzjoni tal-istess Ordni.

Il-Qorti qiegħda wkoll toħroġ **Ordni ta' Trażżin** fil-konfront tal-imputat għal żmien tliet (3) snin mil-lum u dan skont il-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet mogħti kontestwalment u li jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti qiegħda tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex il-ħati jħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti stante li l-ebda espert ma jirriżulta li ġie nominat.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

Diane Gatt
Deputat Reġistratur